

Brussell, 4 ta' Marzu 2021
(OR. en)

6645/21

AGRI 102
PHYTOSAN 6

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	L-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku (makroorganiżmi) kontra pesti tal-pjanti - <i>Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota ta' spjegazzjoni mill-Presidenza għad-dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill ("Agrikoltura u Sajd") tat-22 u t-23 ta' Marzu 2021.

NOTA TA' SPJEGAZZJONI DWAR**"L-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku (makroorganiżmi) kontra pesti tal-pjanti"**

1. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru 2019, huwa strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva. Dan jinkludi politiki u miżuri ewlenin meħtieġa biex jittrasformaw l-ekonomija tal-UE u jpoġġuha fi triq aktar sostenibbli. L-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" hija fil-qalba tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Hija tindirizza b'mod komprensiv l-isfidi tas-sistemi tal-ikel sostenibbli. B'mod partikolari, għandha l-għan li tnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza fuq pestiċidi kimiċi, fertilizzanti u antibijotiċi u r-riskju u l-użu tagħhom..
2. Skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew, jenħtieġ li jingħata appoġġ għal investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi, soluzzjonijiet sostenibbli u opportunitajiet ġodda ta' negozju li jistgħu jstimolaw it-tranżizzjoni. F'dak ir-rigward, il-protezzjoni tal-pjanti saret dejjem aktar importanti minħabba l-multiplikazzjoni ta' pesti u mard emerġenti, u l-impatti akbar ta' pesti u mard stabbiliti bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u l-movimenti ta' oġġetti u passiġġieri, it-tibdil fil-klima u t-tnaqqis fid-disponibbiltà ta' sustanzi attivi fis-suq Ewropew.
3. L-importanza tas-saħħa tal-pjanti u d-disponibbiltà ta' mezzi effettivi, ekoloġiċi u sikuri għall-ġlieda kontra l-pesti tal-pjanti kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-utenti, huma kwistjonijiet ċentrali f'politika komuni dwar il-protezzjoni tal-agrikoltura, il-forestrija u ż-żoni naturali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk huwa importanti li jiġu kkunsidrati approċċi alternattivi biex titnaqqas id-dipendenza fuq is-sustanzi kimiċi. F'dak il-kuntest, l-użu ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku (BCA) bħala parti mill-bijoprotezzjoni huwa komponent fundamentali tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti (IPM).

4. L-Istati Membri huma mitluba jippromwovu l-użu tal-IPM jew tal-ġestjoni tal-pesti b'użu baxx ta' pestiċidi, li l-prinċipji tagħha huma minquxa fid-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru, li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi. L-UE armonizzat il-qafas legali dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti). Madankollu, l-UE ma għandhiex qafas armonizzat għat-tqegħid fis-suq ta' makroorganiżmi li jintużaw għall-kontroll bijoloġiku tal-pesti tal-pjanti, li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
5. Huwa rikonoxxut ukoll li r-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' makroorganizmu ħaj fit-territorju tal-Unjoni jikkostitwixxi, minn perspettiva bijoloġika, rilaxx potenzjali fit-territorju kollu tal-Unjoni, minħabba l-potenzjal naturali jew indott tiegħu li jinfirx. Għalhekk kwalunkwe deċiżjoni għandha tkun appoġġata minn standards armonizzati. Diversi organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO) jew il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti (IPPC), għamlu disponibbli standards internazzjonali għall-valutazzjoni tar-riskju u l-użu sikur tal-BCA.
6. Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni u l-mitigazzjoni tal-impatt negattiv fuq il-bijodiversità tal-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni, kemm intenzjonati kif ukoll mhux intenzjonati, ta' speċijiet aljeni invażivi. Dan ir-regolament ma japplikax la għall-pesti tal-pjanti, u lanqas għall-ispeċijiet indiġeni jew għall-ispeċijiet aljeni mhux invażivi, u ma ġiex imfassal biex jirregola l-għedewwa, l-antagonisti jew il-kompetituri naturali, jew kwalunkwe organismu ieħor użat għall-kontroll tal-pesti (BCA).

7. Sabiex titħaffef id-disponibbiltà ta' dawn il-BCA għall-bdiewa, ir-rikonossiment reċiproku bejn l-Istati Membri tal-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa minn Stat Membru wieħed jista' jevita d-duplikazzjoni tax-xogħol, sakemm il-kondizzjonijiet klimatiċi, ambjentali u agrikoli rilevanti jkunu simili biżżejjed u jipprovdu wkoll kondizzjonijiet simili biex il-BCA jirnexxu u jadattaw. Dan jista' jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' prodotti ġodda bbażati fuq il-BCA u jissalvagwardja l-valur miżjud tal-BCA fil-protezzjoni tal-għelejjel, inkluż għall-kontroll ta' pesti ta' kwarantina u regolati. F'dan is-sens, l-Unjoni tista' tibbenefika minn approċċ armonizzat li huwa applikabbli għall-valutazzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' makroorganiżmi maħsuba biex jaġixxu bħala BCA fil-protezzjoni tal-għelejjel, biex b'hekk jitnaqqsu r-riskji possibbli assoċjati mal-introduzzjoni ta' speċijiet ħajjin fl-ambjent u tingħata spinta lit-tkabbir sostenibbli ta' din il-forma ta' protezzjoni tal-pjanti, filwaqt li jiġu mħeġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-investment. Madankollu, jenħtieġ li approċċ armonizzat ikun adatt għall-iskop tiegħu u jiffoka fuq l-għan li jinħolqu opportunitajiet għall-użu tal-BCA mill-bdiewa, filwaqt li jinżammu standards għoljin ta' sikurezza u iġjene, u għalhekk ma jkunx jenħtieġ li jiġu imposti ostakli addizzjonali għad-dħul fis-suq li ma jżidux is-sikurezza tal-bnedmin jew tal-ambjent.
8. Il-Presidenza nediet stħarriġ lill-Istati Membri permezz tal-membri tal-grupp ta' ħidma tal-Uffiċjali Kapijiet fil-Qasam tas-Saħħa tal-Pjanti, u r-riżultati kienu diġà ġew ippreżentati u diskussi fi grupp ta' ħidma tat-12 ta' Frar 2021. L-Istati Membri kollha wiegħbu. Il-konklużjonijiet ewlenin juru li filwaqt li għadd ta' Stati Membri (18) għandhom fis-seħħ leġislazzjoni nazzjonali relatata mal-BCA, hemm differenzi sinifikanti fl-approċċ. Ħames Stati Membri biss jippromwovu b'mod sistematiku l-iskambju ta' informazzjoni dwar talbiet ta' importazzjoni u rilaxxi ta' BCA ma' pajjiżi ġirien. Il-maġġoranza tal-Istati Membri wiegħbu li huma favur armonizzazzjoni fil-livell tal-UE għall-kriterji li għandhom jiġu applikati fuq l-importazzjonijiet jew ir-rilaxx ta' BCA b'mod ġenerali (17) jew għal BCA fitofaġi biss (4). Barra minn hekk, maġġoranza kbira (18) qieset li hija meħtieġa definizzjoni tal-UE ta' bijoprotezzjoni li tinkludi l-BCA biex tinkoraġġixxi l-adozzjoni tal-bijoprotezzjoni mill-bdiewa, u biex jitnaqqas l-użu tal-pestiċidi.

9. F'dan il-kuntest, u f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, u b'mod partikolari l-paragrafu 10 tiegħu dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 225 u 241 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Presidentza ser tipproponi li l-Kunsill jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta studju dwar is-sitwazzjoni fl-Unjoni u l-opzjonijiet rigward l-importazzjoni, l-evalwazzjoni, il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' aġenti ta' kontroll bijoloġiku fit-territorju tal-Unjoni, u biex tippreżenta proposta, jekk xieraq, fid-dawl tal-eżiti tal-istudju.
10. Nistiednu lill-ministri fil-laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd tat-22 u t-23 ta' Marzu 2021 biex jieħdu sehem fid-dibattitu ta' orjentazzjoni abbażi tal-mistoqsijiet li ġejjin:
- a) *Taqbel li l-użu tal-BCA għandu jiġi appoġġat u promoss bħala mod kif jitnaqqas l-użu ta' prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti?*
 - b) *Temmen li l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tista' tipprovdi inċentiv biex tiżdied id-disponibbiltà ta' BCA sikuri bħala alternattiva utli għall-prodotti kimiċi għall-protezzjoni tal-pjanti?*
-